# IL-PAĊI

O Paċi, mixtieqa
Mill-ġnus ta' kull żmien,
Int l-hena tal-ħajja,
Id-dawl tal-ħolqien.

Fi ġmielek jien nara
Il-ġmiel taż-żgħurija
Li tgħix f'saltna ħielsa
Ta' ħajr u ta' dija;

La niket, la ħsara,
La għomma ta' ħsieb,
La dell ta' l-imgħoddi:
Tal-Ħajja inti ktieb

Miftuħ li jurina
Kemm ferħ għadu ġej
Mal-mixja meqjusa
Taż-żmien li għaddej;

Int ktieb li jwiddibna
Biex nimxu id f'id,
Imsieħba fil-hena,
Annuna f'kull ġid.

Int, Paċi, timlieni
Bil-ħila tal-għana;
Minn qalbi, minn ruħi
Ngħannihom, kotrana,

Il-versi li nħosshom
Herġin minn ġo demmi,
Għax fihom il-mera
Tal-baħar ta' hemmi.

Int, Paċi, fik tiġbor
Il-għanja ta' mħabba,
Mbix sehmek ix-xewqa
U r-rieda li ttabba'

Is-sedq tal-ħbubija
Jew teqred il-ferħ
U ġġib fid-djar hienja
Taqtiegħa bla serħ;

L-imħabba li taħkem
Il-qalb tal-ħolqien:
Li timraħ ġos-sema,
U tgħix fil-widien,

Ar'hemm qalb ir-raba',
Max-xemx illi tielgħa,
Hemm għanja ħemdija
T'egħlieqi għammiela;

Hemmhekk jaħdmu l-bhejjem
Flimkien mal-bnedmin,
Ħaddiema lkoll bieżla,
Ħabrieka, henjin.

Ħakkiem t'oqsma wiesgħa,
Sultan l-ogħna sliem,
Ilsir ta' l-egħlieqi,
Ta' l-art, il-ħaddiem,

Hu jaħdem. Hu jagħnet.
Hu jħabrek. Hu jbakkar.
Hu x-xogħol jitlaq mn-idu
Wisq wara li jnaqqar.

Mhux inti li tqegħdlu,
Ja Paċi sabiħa,
Fuq ġbinu, tal-hena
Il-bewsa ferrieħa?

Mhux minnek li wiret
Is-seħer tas-skiet?
Mhux b'ħiltek li kiseb
Il-frott bil-mijiet?

Kull fejn timraħ inti,
Tar-riżq hemm il-ġmiel,
U l-warda tas-saħħa
Qatt, qatt, ma titbiel.

Ġie żmien meta l-ġgajta
Tal-kotra qarrieqa
Fettlilha, ħsieb kiefer!
Li twarrbek minn trieqha;

Bit-tama li tikber
Hi żergħet il-qirda,
U xtaqet issaltan
Bis-saħħa tal-firda,

U l-aħwa lill-aħwa,
U l-omm lill-ulied,
Taw ħarsa mbikkija
Xħin telqu għall-ġlied.

Fuq l-art tat-taqbida,
Demm xtered bla ħtija,
Elf ruħ waqgħu mbikkma,
Elf tqabdu qawwija.

Saltniet kbar iġġarrfu,
U nħasdet mitt ħajja,
Il-Mewt fuq dil-ħerba
Dlonk kienet titlajja.

Xebgħana, għajjiena,
Mixtieqa l-mistrieħ,
Fil-ħeġġa ta' mħabba
T-tellief u r-rebbieħ,

It-tnejn, b'fehma sħiħa,
Ja Paċi, riduk,
Bis-sewwa u bid-dnewwa
B'qalb waħda xtaquk;

U meta d-dawl xtered
Tal-ferħ kullimkien,
U kebbes u ħeġġeġ
Fost l-aħwa l-ħelsien,

Kemm qlub reġgħu tbissmu,
U tbewsu fehmiet:
Fis-sakra tal-hena
Fuq l-art ta' l-imwiet

Inkitbet il-ġrajja
Li rabtet il-ġnus,
U l-poplu li rebaħ
Mal-poplu mirfus

Għollew leħen wieħed
U fissru qalb waħda:
Il-qawwa tal-għaqda
Ma tkun qatt imċaħħda.

Dik kienet ħalfithom;
Min jaf jekk is-snin
Għadx jidfnu dil-ħalfa
Ta' nies magħqudin,

U nerġgħu fuq rasna
Jinqaleb, idur,
Jittajjar bħal ajkla,
Ħafif daqs għasfur,

Naraw ġej għal fuqna
Daqsxejn t'ajruplan,
Tad-dinja ta' taħtu
Ħakkiem u sultan,

U jifrex il-ħerba;
Mur żommu, ġa mar,
Warajh ħalla l-ħsara
U l-qirda tan-nar.

F'waqt wieħed ixejjen
Il-kobor li nbena
Bil-għaqal, bil-ħidma,
Bil-ħeġġa, bis-sengħa;

Dak illi, ja Paċi,
Kont bnejt,... waqqgħu dan,
Warajh ħalla l-ħsara
Daqsxejn t'ajruplan.

Dik kienet ħalfithom;
Min jaf jekk is-snin
Għadx jidfnu dil-ħalfa
Ta' nies magħqudin?

Le, Paċi, weħidna
Fil-hemm tħalliniex,
Għalfejn demm bla ħtija,
Dil-ħerba għaliex?

Aħjar fid-dawl tiegħek,
Ġo saltna bla ġlied,
Il-ġieħ ta' nisilna
Wisq aktar jiżdied.

Int tgħolli l-palazzi,
U twaqqaf id-djar,
Mhux biss; inti tibni
Imħuħ l-iżjed kbar.

Mal-faraġ ta' mħabba,
Mal-għaqda u l-ftehim,
Mal-ħerqa li tixgħel
Fid-djar u t-tbissim,

Int tkebbes is-saħħa
Fil-ħsieb u fl-imħuħ;
Mhux inti lill-ilsna
Tagħtihom ir-ruħ?

Nistqarrlek: ġo qalbi
Jien għandi magħżuż
Ilsien bnin u sbejjaħ,
Ġo demmi maħżuż;

Jien smajtu fin-nieqa,
Kont ċkejken tarbija,
Ħabbejtu, u kiber
Mas-snin taż-żgħużija;

Għannejtu kif qalbi
Kellmitni waqtiet:
W għaddew geġwiġija
Minn moħħi l-ġrajjiet

Ta' kemm, sieket, waħdi,
Ġo soddti kont bkejt,
Għax raddli mibegħda
Min jien kont ħabbejt;

Int kont illi lsieni
B'kull qawwa saħħart,
U b'kelma ta' ħeġġa
Mad-dinja faħħart.

O Paċi mixtieqa,
Int xerred id-dawl
U l-ġmiel tal-bews tiegħek
Fuq l-art ta' San Pawl.

U meta s-sħab iswed
Iġib it-twegħir
F'dil-gżira mitlufa
Ġo baħar tan-nir,

Le, Paċi, fis-saħna
Tad-demm tħalliniex:
Fis-siegħa qalila
Tal-hemm taħrabniex.

Ġużè Chetcuti.